## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 13 TA' LULJU, 2001

**Numru: 15**

**Avviz Nru: 348/01PS**

**Eurobyte Limited**

**Vs**

**Makaw Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' LM144.50c., ammont dovut ghal servizzi ta' software.

Sema' bil-gurament lil Avukat Dr Adrienne Agius tikkonferma li l-kreditu ta' LM144.50 ghadu dovut.

Peress illi s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma dehritx fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2001, u lanqas fis-seduta tal-lum, kif lanqas ma pprezentat risposta fit-terminu preskritt mill-ligi;

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-Avviz, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas

lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' LM144.50c., dovuta ghar-ragunijiet premessi, flimkien ma' l-imghax mil-lum.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, jithallsu mis-socjeta' konvenuta ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. A. Ellul**
**Gudikatur**